MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Numru. 523/2012

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jurgen Bonavia BIN George u Maria Camela nee' Camilleri mwieled fit-23 ta' Gunju 1990. Residenti 73, Triq Tumas Dingli, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 307390(M).

Talli;

Fit-03 ta’ Awwissu fl-2011, ghall-habta tas- 06:30hrs gewwa Triq Tumas Dingli, Zabbar:

1) Saq vettura bin-numru DAS-624, u naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika ‘Stop’.

2) B’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b`nuqqas ta’ hila fl-art jew professjoni jew b`nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habatt mal-mutur nru. GEO-995 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta’ George Farrugia.

3) U aktar meta b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta’ tharis tar-regolamenit tat-traffiku, nvolontarjment ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ George Farrugia skond kif iccertifika Dr. Gnananappiragasam Sarjith M.D. mill-MDH.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Nhar it-3 ta' Awwissu, 2011, ghall-habta tas-6.30 ta' filghodu, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Vauxhall bin-numru DAS-624, gewwa Haz-Zabbar, tiela' minn Triq Tumas Dingli u hiereg ghal Triq is-Santwarju. Hekk kif l-imputat hareg f'din it-triq, il-parti leza, George Farrugia, li kien qed isuq mutur Triumph bin-numru GEO-955 fi Triq is-Santwarju, tilef il-kontroll tal-mutur u habat fil-vettura tal-imputat, bil-konsegwenza li sofra griehi gravi. Il-Pulizija ssejhet fuq il-post, u mill-indagini li ghamlet waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat ma kienx waqaf fuq is-sinjal ta' "stop" fi Triq Tumas Dingli, u baqa' hiereg ghal Triq is-Santwarju, bil-kosegwenza li Farrugia sab ostakolu fit-triq tieghu u habit fil-vettura misjuqa mill-imputat. B'hekk il-Pulizija harget l-imputazzjonijiet kontra Jurgen Bonavia u bdiet tinstema' din il-kawza.

Mill-provi prodotti, il-fatti tal-kaz huma xi ftit jew wisq inkontestati. Dan qed jinghad peress illi huwa evidenti ferm li kien Farrugia li habit fil-vettura tal-imputat, izda dan ma jfissirx illi l-incident kien tort ta' Farrugia. Il-Qorti trid tezamina l-provi kollha, anke dawk indizzjarji, biex tara kienx hemm traskuragni

mill-imputat li seta’ holoq dak li jissejjah “a sudden emergency” ghal Farrugia fuq il-mutur tieghu, jew kienx hemm negligenza kontributorja bis-sewqan ta’ Farrugia fuq il-mutur. Bhala kollizjoni, huwa inkontestat li l-mutur dahal fil-vettura fuq in-naha ta’ wara taghha.

Il-Prosekuzzjoni tellghet bhala xhieda ewlenija lil George Farrugia, l-ex surgent PS 91 Michael Buttigieg, u lill-konsulent mediku Mr Massimo Abela. Farrugia xehed u spjega kif sehh l-incident. Qal kif dakinhar telaq mid-dar bil-mutur tieghu biex imur ix-xoghol u kien ghaddej minn Triq is-Santwarju, meta harget il-vettura misjuqa mill-imputat u hasditu. Qal ukoll li l-imputat ma waqafx fuq is-sinjal ta’ “stop” li hemm fi Triq Tumas Dingli, u l-anqas hares lejn ix-xellug tat-triq, minn fejn kien gej Farrugia. Hekk kif inhasad, il-mutur qabad maz-zebgha tal-“pedestrian crossing” li hemm fi Triq is-Santwarju, il-mutur waqa’ fuq il-genb tieghu, u baqa’ jiskiddja lagenba ghax gie fuq partital-mutur fejn hemm bocca tan-“nylon” u gie jizloq aktar fuq il-wicc tat-triq. Farrugia waqa’ mill-mutur, izda l-mutur baqa’ jiskiddja wahdu u habat mal-vettura tal-imputat, bil-konsegwenza li l-mutur wehel fil-vettura tal-imputat u ngibed ghal xi ftit metri. Hekk kif gara dan l-impatt, Farrugia qal li l-imputat waqaf u hareg mill-vettura tieghu, u skuza ruhu mieghu ghax ma kienx rah. In sostenn tax-xiehda tieghu, Farrugia esebixxa “sketch” tal-incident maghmul mis-surgent tad-distrett, u fuqu indika id-diversi punti ta’ riferenza fejn gara l-incident u kif sehh fl-istadji kollha tieghu. Hu indika l-punt fejn kien bil-mutur meta lemah lill-imputat hiereg mit-triq l-ohra, il-punt fejn waqa’ l-mutur, il-punt fejn sehh l-impatt bejn il-mutur u l-vettura, u l-punt sa fejn il-mutur baqa’ jingibed mill-vettura tal-imputat. Esebixxa wkoll ritratti tat-triq fejn sehh l-incident, u mappa

tat-toroq ta’ Haz-Zabbar fejn gara l-istess incident. Esebixxa wkoll stima tal-hsarat li garrab fil-mutur.

L-ex Surgent 91 Michael Buttigieg xehed u qal li kien l-ewwel ufficjal tal-Pulizija fuq il-lok tal-incident, ha l-okkorrenza tal-istess incident, u kien ha “sketch” tat-triq fejn gara l-incident, liema “sketch”, izda, ma kienx “to scale”. Hu qal li ha l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa, u qal li l-imputat kien qallu li kien waqaf fuq l-“istop sign” u meta hareg ghal Triq is-Santwarju sehh l-incident. Hu indika wkoll x’qisien ha wara l-incident, qal li kien hemm “brake mark” tal-mutur twil 14.20 metri, u jkompli mieghu kien hemm “scratch mark” tal-istess mutur twil 24.90 metri, sa fejn waqaf il-mutur, u 15.80 metri ‘l fuq minn hemm kienet wieqfa l-vettura tal-imputat.

Wara li kien xehed is-Surgent, rega’ xehed George Farrugia u esebixxa ritratti tat-triq, partikolarment tal-mera fit-triq, li qal li ma ssemmietx fir-rapport tas-Surgent, esebixxa xi spejjez ohra ulterjuri fuq danni sofferti, spejjez ta’ medicini, ir-rapport tal-konsulent mediku tieghu, u r-rapport tas-Surgent b’parti mizjuda fuqha bil-kitba, fejn gie indikat li hemm mera fi Triq is-Santwarju.

Wara li rega’ xehed Farrugia, rega’ xehed is-Surgent, li gie mistoqsi ghalfejn ir-rapport esebit mill-parti leza hemm kitba fuqu, u dak mizjud bil-kitba ma kienx imhaddal bhala “update” fl-istess rapport esebit aktar qabel fil-process, izda ma setax jispjega ghalfejn kien hemm dan in-nuqqas.

Xehed ukoll il-konsulent mediku, il-Professur Massimo Abela, li qal li l-griehi sofferti minn Farrugia kienu ta' natura gravi, peress illi kien hemm frattura tas-sieq il-leminija, u li din halliet dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%).

In difesa, xehed l-imputat li ta l-verzjoni tieghu. Hu qal li dakinhar kien sejjer ghax-xoghol, saq il-vettura sas-sinjal ta' "stop", waqaf, ra li ma kienux gejjin vetturi mix-xellug tieghu, u hareg ghal fuq Triq is-Santwarju. Hekk kif hu ddritta l-vettura tieghu u kien qed isuq ghad-dritt, sema' hoss fuq wara tal-vettura tieghu, mexa ftit 'il quddiem, u mill-mera tan-nofs tieghu ra l-mutur mal-art, mentri fil-mera tal-lemin tieghu ra lil Farrugia mal-art. Hareg mill-vettura u mar jaghtih l-ghinuna, peress illi kien jaf il-"first aid". Innega li ma kienx waqf fuq l-"istop sign" u baqa' hiereg. Innega wkoll li skuza ruhu mal-imputat ghax ma rahx. Hu esebixxa "sketch" maghmul minnu tal-incident, fejn indika li, skond il-kejl u qisien mehuda mis-Surgent, il-"brake mark" kif ukoll l-"iscratch mark" kellhom jibdew ferm qabel il-"pedestrian crossing", u allura ferm qabel il-kantuniera minn fejn hareg hu bil-vettura tieghu. Esebixxa wkoll ritratti li juru l-lokalita' u t-triq fejn kien sehh l-incident, biex juri d-distanzi indikati minnu u dawk indikati fl-"isketch" tal-Pulizija.

Minn esami ta' dawn il-provi, il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-imputat minn dik tal-parti leza, u dan ghar-ragunijiet segwenti. Farrugia jghid li hekk kif gie mal-"pedestrian crossing", hu ra l-vettura tal-imputat hierga mill-kantuniera minghajr ma l-imputat hares lejn il-mutur gej fuqu. Kieku veru gara hekk, id-distanza bejn il-"pedestrian crossing" u l-kantuniera minn fejn

hareg l-imputat tant hija minima li l-impatt mal-vettura kien ikun ferm differenti. Skond il-parti leza, jekk l-imputat qabad u hariglu fin-nofs, allura l-impatt kien ikun wiehed immedjat, u ma kienx ikun fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-imputat. Kieku gara hekk, ma kienx ikun hemm bizzejjed hin biex Farragia jaghfas il-"brake", jaqa' mill-mutur, ihalli l-mutur jiskiddja wahdu ghal distanza, u jigri l-impatt bejn iz-zewg vetturi f'distanza ta' kwazi erbghin metru. L-impatt kien ikun wiehed immedjat, u Farrugia kien zgur isofri griehi hafna aktar serji.

Hija aktar verosimili l-verzjoni tal-imputat, li l-mutur kien ferm aktar 'il boghod mill-kantuniera, tant li kien barra l-vizwali tal-imputat, u li Bonavia lahaq hareg u saq fid-dritt qabel ma sehh l-incident. Inoltre, il-Qorti trid toqghod ukoll fuq il-kejl moghti mis-Surgent 91, Michael Buttigieg, liema kejl ma kien kontradett minn hadd. Tenut kont tal-"brake mark" ta' kwazi hmistax-il metru, u ta' "surface scratch mark" tal-mutur ta' kwazi hamsa w ghoxrin metru, dan ifisser li l-velocita' li bih kien qed jinstaq il-mutur huwa wiehed oghla minn hamsin kilometru fis-siegha. Dan qed jinghad peress illi "brake mark" ta' tnax-il metru fuq vettura huwa paragunabbli ma' velocita' ta' hamsin kilometru fis-siegha. Tenut kont li l-mutur ma waqafx wara "brake" ta' erbatax-il metru, izda baqa' jitkaxkar ghal erba' w ghoxrin metru ohra, jindika li l-velocita' bil-fors kienet oghla minn hekk.

Inoltre, it-tip ta' hsara fil-vettura tal-imputat tindika li l-impatt kien wiehed imdaqqas, ghalkemm mhux konsiderevoli, u ma taghmilx sens li l-mutur wehel taht il-karozza u baqa' jitkaxkar hekk. Jaghmel aktar sens li l-imputat waqaf ftit

wara li sehh l-impatt ghax sema’ l-hoss tal-impatt. Zgur kien hoss pjuttost qawwi biex halla d-daqqiet li halla fil-vettura tieghu.

Il-Qorti, ghalhekk, ma tista’ ssib l-ebda negligenza jew traskuragni fis-sewqan tal-imputat, izda tara li seta’ kien hemm negligenza kontributorja fis-sewqan ta’ Farrugia, partikolarment fil-velocita’ li bih kien qed jinstaq il-mutur. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll l-Avviz Legali 94 tal-1969 (LS 65.05);

Din il-Qorti ma` ssibbx lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tilliberrah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J VELLA**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------